**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 201/97

Henry Buttigieg

vs

Enemalta Corporation

Illum 5 ta' Gunju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn 9 ta' Mejju 1987 w il 15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1989 huwa sofra ingustizzja f'li nqabez fil-promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi hu kien dahal jahdem mal-Enemalta mill-1986 bhala Electrician u lahaq Supervisor fl-istess sena. Hu dejjem ghamel xogholu kif suppost u bl-akbar reqqa u attenzjoni. Hu ghandu kwalifikazzjonijiet tas-City and Guilds kif ukoll il-licenzji ta' electrician A.

Illi hu fis-sena 1989 kien applika ghall-promozzjoni ghall-grad ta' WTO wara intervista kompetitiva. Meta hargu l-promozzjonijiet, hu nduna li gie maqbuz min nies b'inqas esperjenza u kwalifiki minnu tant li hu lanqas biss nizluh fl-order of merit. Meta talab spjegazzjoni ghal dan hu qatt ma nghata raguni valida.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata seniority kif ukoll il-promozzjoni b'lura mis-sena 1989 jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif jiddeciedi t-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:

Illi permezz ta' Cirkulari Nru 22/89 inharget sejha ghall-applikazzjonijiet lill-impjegati tal-Korporazzjoni ghal mili ta' postijiet ta' Works Technical Officer (Districts).

Illi ghal dawn il-postijiet kien hemm ghoxrin applikant fosthom ir-rikorrent.

Illi meta saru l-intervisti mill-Bord ta' l-Ghazla mwaqqaf mill-Korporazzjoni kkwalifikaw tlett impjegati skond l-ordni tal-Mertu kif ippubblikat f'Cirkulari numru 31/94.

Illi r-rikorrent gie ccertifikat bhala 'failed" minn dan il-Bord ta' l-Ghazla.

Illi l-Bord ta' l-Ghazla agixxa skond kif provdut fil-Ftehim Kollettiv, Appendici C, bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-General Workers' Union.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma l-fatti li hemm fir-rikors. Semma li wara l-interview tal-1989 fl-order of merit kienu hmistax pero' r-rikorrent ma kienx imnizzel. Sostna li gie maqbuz

minn nies li kellhom kwalifiki u esperjenza inqas minnu. Dwar Lawrence Zammit sostna li meta applikaw lkoll ghall-promotion kellu hdax il-xahar esperjenza bhala fitter waqt li hu kellu tliet snin esperjenza. Semma li ma ghandux il-licence B imsemmija fid-dokument a fol 7. Ghal 3 xhur epserjenza li kellu Lawrence Zammit inghata 4 marki minn ghaxra, waqt li r-rikorrent inghata tnejn ghat-tliet snin.

It-tielet wiehed fuq il-lista ta'dawk li lahqu WTO's huwa John Vella. Dan kellu dak iz-zmien madwar sena u tliet xhur esperjenza wkoll u wkoll inghata 4 marki.

Lawrence Zammit li ghandu l-kariga ta` Senior Technical Officer mal-Enemalta Development Section xehed li fl-1989 kien electrical fitter. Kellu License A.

Joseph Mangion, Principal mal-Korporazzjoni Enemalta xehed li dwar ir-rikorrent qatt ma kellhom rapporti ta` xoghol hazin. Dwar Sultana dan kellu kaz quddiem il-Kummissjoni Ghall-Investigazzjoni ta` Ingustizzji u kien gie moghti l-promozzjoni back dated mit-23 ta' Jannar tal-1979. Kien ghamel l-ezami maghhom u kien gie r-raba` pero` l-promozzjoni kienet giet backdated skond l-ordni tal-Kummissjoni. Lawrence Zammit u John Vella llum il-gurnata huma Senior Technical Officer.

Anton Gatt Hampton officer in charge Human Resources mal-Enemalta xehed li jaf lir-rikorrent bhala impjegat mal-Enamalta fir-

rank ta` supervisor. Ix-xoghol li jaghmel r-rikorrent hu li jwahhal il-meters kemm domestici kif ukoll industrijali. Matul iz-zmien tax-xoghol tieghu qatt ma kien hemm rapporti negattivi fuqu.

Karmenu Bonnici illum pensjonant pero` spicca minn mal-Enemalta bhala operations Manager, u li kien membru tal-bord li ddecieda fuq l-ezamijiet ta` WTO fl-1989. Ikkonferma r-rapport. Kien ic-chairman li fil-fatt kien qieghed jivverifika l-kwalifiki li hemm imnizzlin fil-fol 7 it-tielet kolonna.

Mistoqsi dwar ir-rikorrent u dwar Lawrence Zammit u cioe` applicant number 252 u 259 u mistoqsi specifikamment ghall-fatt li Buttigieg ghandu c1 waqt li Zammit ghandu c2 meta Zammit stess xehed li kellu license A li tfisser c1 qal li kienu vverifikaw c-certifikati ta` kullhadd. C1 hija license A u C2 hija license B u hija ta` livell aktar gholi ghax il-license B hija aktar gholja.

Il-kolonna experience “ghandi nghid li minghalija din kienet tirreferixxi ghaz-zmien kemm ilu impjegat mal-Enemalta fi kwalunkwe grad. L-interview kellu 70% tal-marki.” Il-personal files ma kinux rawhom u ma tawx kaz ta’ affarijiet bhal sick leave u l-anqas jekk kienx hemm recommendations jew rapporti negattivi mis-superjuri tal-individwi. F’job experience allokaw marka ghal kull sena ta` job experience. Kienu jafu mill-personnel kemm kienu ilhom li dahlu. Fl-interview ir-rikorrent nghata 25 marki minhabba li din hija l-allokazzjoni li waslu ghaliha fuq dak li rrisponda.

Biex ikollok is-City & Guilds Part II irid ikollok il-Part 1 qabel. Dwar li John Caruana gie moghti B2 u B1 waqt li fil-kaz tar-rikorrent hemm imnizzel biss B2 avolja ghandu l-Part 1 tas-City & Guilds ukoll ma setax jirrispondi.

Anthony Hampton li jahdem mal-Enemalta u qieghed Assistant Manager Administration xehed li John Caruana dahal fit-2 ta` Marzu 1987 bhala linesman. John Vella dahal 2nd March 1987 bhala jointer. Fil-fatt fil-kaz ta` John Caruana meta ghamel l-ezami ghal WTO huwa kellu l-journeyman certificate. John Caruana gab il-journeyman certificate fis-2nd March 1987.

Paul Portelli Technical Officer mal-Enemalta xehed li x-xoghol tar-rikorrent dejjem tajjeb sabu. Qatt ma rrizultawlu rapporti kontra tieghu u dejjem qdieh tajjeb fix-xoghol li assenjalu.

Carmel Bonello li spicca manager mal-Enemalta Corporation 3 snin ilu kien chairman tal-bord tal-ghazla ghal Works Technical Officer mal-Enemalta Corporation. Ir-rikorrent kien wiehed mill-applikanti. F` dan l-ezami l-marki kienu mqassmin - experience kellu massimu ta` 10% waqt li qualification massimu ta` 20% u l-interview kellu 70%. Ir-rikrorent ghall-qualification gab 9 minn 20, fl-experience 2, u fl-interview 25 minn 70 b` total ta` 36.

L-experience kienet relatata mal-fatt li jekk il-bniedem jiehu l-promozzjoni, x` konnessjonijiet ghandu bhala preparazzjoni ghal dak ix-xoghol. Ir-rizultat jinsab esebit a fol 7 tal-process. 17 mill-

applikanti kienu ghaddew.  3 biss failed u r-rikorrent huwa wiehed minnhom.  Fil-fatt job experience kienet tirrelata mhux biss ghax-xoghol mal-Enemalta izda anke esperjenza li seta` kandidat ikollu qabel ma dahal jahdem l-Enemalta pero` dejjem trid tkun relatata ghal dak l-iskop li fil-fatt kien intiz il-job u dana dejjem skond ic-cirkolari li kienet harget ghall-job in kwistjoni.

Ir-rikorrent bhala kwalifiki kellu C1 u B2 li dawn ifissru license A li taghha ha 3% u City & Guilds Installation Part II li taghha ha 6 % u ghalhekk fil-kwalifiki minn massimu ta` 20% ha 9%.  Mistoqsi biex jispjega kif inhi li John Caruana r-raba` wiehed minn isfel kellu l-marki ghal B1 u ghal B2 u jekk hux ovvju l-fatt li jrid ikollok il-part 1 la taghmel il-part II qal li mhux necessarju li fil-fatt biex taghmel il-part II irid ikollok il-part I.  Jekk persuna jkollha l-Part II u l-Part 1 ghandu jiehu 6 % u mhux 9%.  Setgha sar zball fil-kaz ta` Caruana.

Fl-interview ir-rikorrent inghata 25% biss wara evalwazzjoni onesta tal-marki li suppost kellu jiehu kull persuna fl-interview, ghalkemm wara li ghadda dan iz-zmien kollu ma jiftakarx.

Ikkunsidra

Illi biex rikorrent jipprova li saret ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, rikorrent irid jipprova l-ilment.  F’dan il-kaz li ghandna hu li fil-kaz ta’ Zammit u Caruana inghataw xi tlitt marki zejda izda dan b’ebda mod ma jwassal li r-rikorrent li gab 36% qatt

jista' jissupera lill-ohrajn li gabu 84% u 82%. Irrizulta li r-rikorrent dejjem ghamel xogholu sewwa izda ma giex ippruvat li l-ohrajn ma ghamluhx. Dan it-Tribunal ma ghandux informazzjoni bizzejjed li twasslu ghall-prova li saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent.

Izda t-Tribunal ihoss li fl-istess hin irid jikkritika l-allokazzjoni tal-marki kif saret. L-ewwel nett ghaliex ma sarx ezami bil-miktub kif l-istess membri tal-Bord hassew li ghandu jsir. Wara ghaliex ghandhom jigu allokati 70% tal-marki ghall-interview u cioe' element suggettiv b'mod li kollox jiddependi minn dak il-hin qasir li persuna taghmel waqt interview. Ghaliex ma gewx ezaminati l-personal files tal-applikanti biex b'hekk wiehed jara sewwa l-pusizzjoni fuq xi rapporti, sick leave, u affarijiet konnessi! Izda dan mhux sufficjenti biex tkun tista' tigi milqugha t-talba tar-rikorrent li kien wisq lura fl-allokazzjoni tal-marki biex jista' jasal ghal aktar mid-doppju ta' dak li gie moghti. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrent.